# IL-ĦAMES PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Superjuri)

**3 ta' April, 1990**

**Imħallfin: –**

**Onor. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S., – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can. (Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

*versus*

Joseph Schembri

**Omiċidju Volontarju – Nullità ta' Kapi ta' Akkuża – *Aberratio Ictus* – Delitt Mankat – Konkors Formali ta' Delitti – Reat Kontinwat – Konkors ta' Reati u Pieni**

*L-istess att doluż jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-liġi u jikkostitwixxi aktar minn delitt wieħed. F'każijiet bħal dawn l-Avukat ma' għandu ebda obbligu li jagħti akkużi f'kapi alternattivi.*

*Meta b'att uniku persuna toqtol aktar minn persuna waħda jew toqtol waħda u tferi oħrajn hija tirrispondi mhux għal delitt wieħed iżda għal daqstant delitti daqs kemm kien hemm nies feruti u/jew mejta. F'każijiet bħal dawn il-konkors formali ta' delitti qatt ma ġie aċċettat.*

*Trattandosi ta' diversi vittmi jew vittmi desinjati wieħed ma jistax jitkellem fuq risoluzzjoni waħda u ġaladarba dan hu eskluż, ħadd ma jistenna li l-prosekuzzjoni kellha tagħti l-benefiċċju tar-reat kontinwat lill-akkużat.*

*Il-kunċett ta' reat uniku huwa differenti mill-kunċett ta' reat mezz u reat fini. Fejn hemm reat uniku hemm il-konkors formali, iżda hemm biss ness ta' mezz/fini r-relevanza hi għal dik li hija piena u mhux għal dik li hija reità.*

Il-Qorti: – Rat l-Att ta' Akkuża numru 12 ta' l-1988;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-14 ta' Lulju, 1989 li biha ċaħdet l-erba' eċċezzjonijiet li ser jissemmew sollevati mill-akkużat u ddifferiet għas-smigħ tal-ġuri u dan wara li rat u kkonsidrat dan li ġej:

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Joseph Schembri ppreżentat fid-19 ta' Lulju 1989 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti minnu appellata u tiddikjara illi l-kapi kollha ta' l-Akkuża numru 12/88 fl-ismijiet premessi huma nulli u li għalhekk dan l-Att ta' Akkuża huwa wieħed null;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel mhi ser tagħmel huwa li telenka l-aggravji ta' l-akkużat appellant fl-istess ordni li ingħataw. Dawn l-aggravji huma s-segwenti:

1) Illi l-Avukat Ġenerali deħerlu li fuq il-fatt kif imsemmija fl-ewwel ħames kapi ta' l-Att ta' Akkuża jista' u għandu jagħmel ħames kapi differenti u jakkużah bl-omiċidju ta' persuna fl-ewwel kap u b'erba' tentattivi ta' omiċidju volontarju fl-erba' kapi l-oħra. Illi effettivament dak li qed jagħmel l-Avukat Ġenerali hu illi fuq l-istess fatti joħroġ akkużi distini u separati;

2) Illi inoltre, in konnessjoni ma' l-istess arma allegatament użata, għax din tikser diversi disposizzjonijiet tal-liġi, sar kap differenti għal kull ksur ta' kull disposizzjoni tal-liġi, mingħajr, però, ma ġie tenut kont ta' dak kollu li tgħid il-liġi fir-rigward;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi kwantu jirrigwarda l-allegata nullità ta' l-ewwel ħames kapi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha kif komposta mogħtija fit-13 ta' Novembru, 1989 in re **Ir-Reppublika ta' Malta *vs* John *sive* Ġanni Attard u Emanuel Agius** fejn l-eċċezzjoni kienet prattikament fl-istess sens għalkemm iċ-ċirkostanzi kienu differenti sew. Din ir-riferenza qiegħda ssir għaliex il-prinċipji in materja enunċjati minn din il-Qorti f'dik is-sentenza japplikaw *mutatis mutandis* għal dan l-appell. Konsegwentement qiegħed jiġi stabbilit illi mhux biss hu prinċipju notorju fid-dritt penali li l-istess att doluż jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-liġi u jikkostitwixxi aktar minn delitt wieħed iżda ukoll li f'każijiet bħal dawn l-Avukat Ġenerali m'għandu ebda obbligu fil-liġi li jorbtu li jagħti akkużi f'kapi alternattivi minflok kif taħom f'dik il-kawża kif ukoll f'din

odjerna. Oltre dan jiġi ukoll osservat illi mhux minnu li l-fatti huma kollha l-istess fil-ħames kapi in kwistjoni. Infatti fl-ewwel kap il-fatt doluż allegat huwa l-omiċidju volontarju eppure bi żball ta' Carmelo Farrugia, mentri fl-erba' kapi sussegwenti l-fatt doluż allegat f'kull każ huwa ta' attentat ta' omiċidju volontarju ta' persuna differenti. Għalhekk mhux biss qed tiġi pprospettata l-figura ta' l-*aberratio ictus* iżda anki għal dik tad-delitt mankat ta' erba' persuni differenti. Oltre dan imbagħad għandu jiġi osservat li kemm fid-dottrina kif ukoll fil-prattika forensi kemm f'Malta kif ukoll fl-esteru jekk b'att uniku persuna toqtol aktar minn persuna waħda jew toqtol waħda u tferi oħrajn hija tirrispondi mhux għal delitt wieħed iżda għal daqstant delitti daqs kemm kien hemm nies feruti u/jew mejta. F'każijiet bħal dawn il-konkors formali ta' delitti qatt ma ġie aċċettat u dan għal raġunijiet tant ovvji li din il-Qorti ma tarax li għandha toqgħod tidħol fihom. Jingħad biss li f'każijiet bħal dawn ma tista' qatt tiffigura l-inseparabilità ġuridika li hi element essenzjali fil-konkors formali tad-delitti u fejn ma hemmx inseparabilità ġuridika tibqa' dejjem il-pluralità ta' reati salv finalment jekk ikun il-każ l-assorbiment tal-piena;

L-appellant issottometta ukoll li fil-każ tiegħu, kieku kellu jikkonċedi illi si tratta ta' ħames akkużi differenti, jiffigura l-element tar-reat kontinwat. Din il-Qorti, però, ma tarax kif anki lontanament jista' jingħad li hawn si tratta ta' reat kontinwat għaliex mill-istess att ta' akkuża hu ovvju li dan hu eskluż. Infatti f'dal każ trattandosi ta' diversi vittmi jew vittmi desinjati wieħed ma jistax jitkellem fuq risoluzzjoni waħda u ġaladarba dan hu eskluż ħadd ma seta' jistenna li l-prosekuzzjoni kellha tagħti dan il-benefiċċju lill-akkużat;

F'dan ir-rigward din il-Qorti tfakkar f'dak li kien intqal in re **Rex vs Vincenzo Grima** deċiża fit-28 ta' Frar 1939 fejn kien ġie ribadit il-prinċipju dottrinali li fil-każ ta' offiżi kontra l-persuna ma teżistix il-possibilità ta' reat uniku u anqas dak tar-reat kontinwat;

In kwantu dirett għall-ewwel ħames kapi ta' l-att ta' l-akkuża, għalhekk l-appell mhux fondat legalment u għalhekk eventwalment din il-Qorti fil-parti disposittiva ta' din is-sentenza sejra tirrespinġih;

Ikkunsidrat fuq l-appell in kwantu jirrigwarda s-seba' u d-disa' kapi ta' l-att ta' l-akkuża:

Illi huwa evidenti illi kwantu jirrigwarda dawn iż-żewġ kapi l-appell evidentement huwa bbażat fuq *"misconception"* assoluta tal-kunċetti tar-reat kontinwat u ta' annullabbilità ta' att ta' akkuża. Dana din il-Qorti tħoss li għandha tgħidu għaliex sfortunatament spiss qed jiġri li fl-istadju ta' l-eċċezzjonijiet quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali qed jitqajmu eċċezzjonijiet li tant m'għandhom ebda fondament fil-liġi li qed iservu biss biex jitwalu indebitament il-proċeduri ħafna drabi a skapitu ta' l-akkużat u dan anki f'każijiet fejn l-akkużat ikun għadu taħt arrest. F'dan il-każ, per eżempju, l-appellant imissu jaf illi anki kieku kellu jiġi konċess li l-pussess ta' l-arma fil-pubbliku mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-pussess ta' l-istess waqt li għamel delitt kienu konnessi ma' l-ewwel ħames kapi bħala reati ta' mezz u fini, xorta waħda dak li qed jiġi sottomess mill-appellant hu ereżija legali għaliex in-ness ta' mezz/fini għandu rilevanza biss għal fini ta' piena mentri għall-fini ta' formulazzjoni ta' att ta' akkuża l-Avukat Ġenerali bil-

fors irid jagħti akkużi taħt kapi separati. Ir-raġuni, kif din il-Qorti f'ħafna sentenzi tagħha preċedenti kellha opportunità tispjega, hija l-ewwelnett li l-kunċett ta' reat uniku huwa *toto coelo* differenti mill-kunċett ta' reat mezz u reat fini u t-tieni illi kif qiegħed illoġikament jippretendi l-appellant jekk hu jinstab għal xi raġuni jew oħra mhux ħati per eżempju fuq l-ewwel kap ta' l-akkuża, jekk l-Avukat Ġenerali ma jkunx ħaseb biex tah ukoll l-akkużi l-oħra (dawk taħt is-seba' u d-disa' kapi) taħt kapi differenti, anki jekk dawk ir-reati jkunu jirriżultaw ma jkunx jista' jinstab ħati tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti l-appellant imissu jaf li dan mhux dak li trid il-liġi u li anzi l-liġi hi kategorika ħafna fis-sens li fejn hemm reat uniku hemm il-konkors formali iżda fejn hemm biss ness ta' mezz/fini r-rilevanza hija għal dik li hija piena u mhux dik li hija reità;

Ikkunsidrat fir-rigward tal-kapi numri sitta, tmienja u għaxra ta' l-att ta' l-akkuża, u ċjoè ta' l-akkużi ta' pussess f'xi fond ta' arma mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, talli naqas li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien ġie fil-pussess ta' arma tan-nar u ta' pussess ta' armi tan-nar li l-importazzjoni tagħha hija pprojbita jew ristretta u li fuqha ma tħallasx dazju:

Jiġi osservat li fl-ewwel lok l-appellant issottometta li anki hawn *si tratta* ta' reat kontinwat mentri jmissu jaf li ma seta' qatt jiffigura r-reat kontinwat meta qed jinkisru diversi disposizzjonijiet tal-liġi u mhux l-istess disposizzjoni kif jirrikjedi l-artikolu 18 tal-Kap. 9;

Fit-tieni lok qed jippretendi li *si tratta* ukoll ta' reat uniku peress li hemm involuta l-istess arma. Anki hawn però a *bażi*

tal-prinċipji li ġa ssemmew ma hemmx reat uniku għar-raġuni sempliċi li m'hemmx dik l-inxindibilità ġuridika li twassal għall-konkors formali ta' reati. Għalhekk anki dan l-aggravju hu infondat;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell ta' l-akkużat billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Fl-aħħarnett tibgħat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.